

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Ottubru 2010 —  
Seacid vs Il-Parlament u Il-Kunsill**

**(Kawża C-266/10 P)**

“Appell — Direttiva 2000/35/KE — Rikors għal annullament parpjali — Rikors ippreżentat wara l-iskadenza tat-terminu — Appell manifestament infondat”

1. *Proċedura — Deċiżjoni meħuda permezz ta' digriet motivat — Kundizzjonijiet — Appell manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 2(2), 18, 19, 24(6) u 111) (ara l-punti 11-18)*
2. *Rikors għal annullament — Termini — Bidu tad-dekorrenza — Data tal-pubblikazzjoni tal-att inkwistjoni — Kalkolu (il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 17 u 47; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 102(1)) (ara l-punti 25-27, 30)*

### **Suġġett**

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tas-16 ta' Marzu 2010 — Seacid vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-530/09), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għall-annullament tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolo 17, Vol. 1, p. 226) — Termini għall-preżentata ta' appell — Inammissibbiltà manifesta.

### **Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Sistemul electronic de arxivare, criptare și indexare digitalizată Srl (Seacid) għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.